MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Numru. 553/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Ryan ta’ 17- il sena, bin Mark u Sandra nee’ Grech, mwieled Pieta’ nhar it- 12 ta’ Gunju 1994, residenti 160, Flat 14, Triq Arcisqof, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 297494M;

Talli fl- 4 ta’ April 2012 ghall- habta tas- 1.00pm fi Triq Marina Kalkara;

1) talli f’ Malta xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
2) talli assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’ Malta bil- ghan li jaghmlu delitt/I f’ Malta li ghalihom hem

mil- piena ta’ prigunerija, u li ma kienux delitti that l- Att dwar l- Istampa;

3) gewwa Kalkara, f’ xi hin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ katina ta’ kulur isfar, salib ta’ lewn isfar, pendent ta’ kulur isfar u kif ukoll curkett ta’ lewn isfar minn fuq il- persuna ta’ Iris Mizzi ta’ 69 sena, liema serq huwa aggravat bil- valur li ma jaecedix l- €2,329.37 ghad-dannu tal- istess persuna, u bil- vjolenza;

4) ikkaguna ferita/i ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Iris Mizzi;

5) aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija nhar 20 ta’ Settembru 2011 mill- Magistrat Dr. D. Clarke Ldd., u nhar l- 10 ta’ Otturbu 2011 mill- Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D;

6) ukoll talli rrenda ruhu recidiv b’ diversi sentenzi tal- Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tal-ezami tal-imputat, wara li kien inbeda l-gbir ta’ provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, u wara li saret korrezzjoni fl-akkuza;

Rat illi l-istess ammissjoni saret wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi fuq il-mertu ta' din il-kawza, il-Qorti ftit ghandha x'izzid jew tikkummenta. Bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Il-Qorti tosserva li, minkejja l-eta' tenera tal-imputat, hu ghazel li jassocja ruhu ma' terzi biex jattakka persuni ta' eta' avvanzata u jisirqilhom hwejjighom minn fuqhom. Apparti t-telf tal-oggetti nfushom, li kultant ghal dawn il-persuni anzjani jkunu ta' valur aktar sentimentali milli haga ohra, il-vittmi jsofru feriti hfief, u kultant anke feriti anqas hfief, u forsi l-aktar isofru minn biza' li jergghu johorgu fit-triq. Il-Qorti hi ben konxja li persuni anzjani huma fost l-aktar vulnerabbli fis-socjeta', u zgur jisthoqilhom hafna aktar stima u rispett milli jigu aggrediti b'mod daqshekk viljakk minn zghazagh bhall-imputat.

Peress illi l-imputat kien minorenni fiz-zmien tat-twettiq tar-reat, il-Qorti ghandha tnaqqas il-piena bi grad jew tnejn. Madankollu, ir-reat in kwistjoni sehh meta l-istess imputat kien ghadu fil-perijodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi kontra tieghu. Jigifieri l-anqas ibbenefika mill-opportunita' li l-Qorti tatu biex ma jibqax jikkommetti reati ohra. Anzi, qabad u ghamel ezatt l-oppost. Ghalhekk, dawk iz-zewg sentenzi sospizi ser jidhlu fis-sehh b'effett immedjat. Kwantu ghall-piena proprja ghal din il-kawza, il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija effettiva ta' tmintax-il xahar.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 37, 48A, 261, 262(1)(a)(2), 267, 269, 274(d), 276A, 279(a), 280(1)(2) , 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18) - il xahar prigunerija.
Tordna d-dhul fis- sehh tas- sentenzi ta' prigunerija sospiza datati 20 ta' Settembru 2011, u 10 ta' Ottubru 2011.
Ghalhekk b'kollox l-imputat qed jigi kkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' tlitt snin u sitt xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------